MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

**Data:** 10 ta' Marzu 2020

**Lill-Iskejjel kollha** (Stat, Knisja u Indipendenti)

**Ref No.:** DES 13/2020

**Suġġett:** COVID-19 – prekawzjonijiet bażiċi

---

**Nota għall-Ġenituri/Kustodji Legali**

Kif imħabbar mill-Gvern u mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, studenti u edukaturi li matul dawn l-aħħar 14-il jum ivvjaġġaw lejn il-pajjiżi elenkati u affettwati minn COVID-19, inkluż l-Italja (ir-reġjuni kollha, inkluża Sqallija), dawn għandhom jagħmlu *self-quarantine* b'mod immedjat fid-djar tagħhom għal 14-il jum mir-ritorn tagħhom lura f'Malta.

Il-ġenituri / kustodji legali tat-tfal huma mfakkra li f'każ li wliedhom juru sintomi ta' deni, sogħla u wġigħ fil-griżmejn, m'għandhomx jibagħtuhom l-iskola. Il-ġenituri/kustodji tat-tfal għandhom jikkonsultaw mat-tabib tal-familja, u jsegwu r-rutini ta' prevenzjoni mxandra mill-Gvern u Awtoritajiet tas-Saħħa.

B'mod ġenerali, wieħed għandu jsegwi dawn ir-rutini li xxandru mill-awtoritajiet tas-saħħa konċernati:

- Jaħsel idejh bis-sapun u jdum jagħmel dan għal madwar 20 sekonda u jekk ilma u sapun ma jkunux disponibbli, juża diżinfettant tal-idejn b'bażi alkoħolika;
- Jgħatti ħalqu meta jisgħol b'*tissue* jew bil-komma;
- Jgħatti mnieħru meta jagħtas b'*tissue* jew bil-komma;
- Jarmi *tissues* użati immedjatament;
- Jevita li jmiss għajnejh, imnieħru u ħalqu qabel jaħsel idejh;
- Jevita li jkun f'kuntatt ma' nies li huma morda.

Huwa mitlub mill-ġenituri/kustodji legali tat-tfal li jsegwu dawn l-istruzzjonijiet u direzzjonijiet li qed jingħataw minn ħin għal ħin mill-Gvern u mill-Awtoritajiet tas-Saħħa.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol qiegħed ikompli jsegwi l-istruzzjonijiet aġġornati tal-Awtoritajiet tas-Saħħa nazzjonali.

Il-koperazzjoni tagħkom hija importanti ħafna.

**Is-Sa Maria Mc Namara**
**Direttur Ġenerali**
**Servizzi Edukattivi**

t + 356 2598 2404 e dg.des.educ@gov.mt | www.education.gov.mt